Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0085(COD)

1.3.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni
(COM(2022)0122 – C9-0122/2022 – 2022/0085(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tomas Tobé(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni huma miri attraenti li jiffaċċjaw awturi ta' theddid b'ħiliet għolja u b'riżorsi tajbin kif ukoll theddid ieħor. Fl-istess ħin, il-livell u l-maturità tar-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċità ta' detezzjoni u ta' rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jvarjaw b'mod sinifikanti fost dawn l-entitajiet. Għaldaqstant, għall-funzjonament tal-amministrazzjoni Ewropea huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jiksbu livell għoli komuni ta' ċibersigurtà permezz ta' linja bażi taċ-ċibersigurtà (ġabra ta' regoli taċ-ċibersigurtà li n-networks u s-sistemi ta' informazzjoni, kif ukoll l-operaturi u l-utenti tagħhom, iridu jkunu konformi magħhom biex jimminimizzaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà), l-iskambju tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni.	(4) L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni ***kienu u*** huma miri attraenti li jiffaċċjaw awturi ta' theddid b'ħiliet għolja u b'riżorsi tajbin kif ukoll theddid ieħor. Fl-istess ħin, il-livell u l-maturità tar-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċità ta' detezzjoni u ta' rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jvarjaw b'mod sinifikanti fost dawn l-entitajiet. Għaldaqstant, għall-funzjonament tal-amministrazzjoni Ewropea huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jiksbu livell għoli komuni ta' ċibersigurtà permezz ta' linja bażi taċ-ċibersigurtà (ġabra ta' regoli ***minimi*** taċ-ċibersigurtà li n-networks u s-sistemi ta' informazzjoni, kif ukoll l-operaturi u l-utenti tagħhom, iridu jkunu konformi magħhom biex jimminimizzaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà), l-iskambju tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Id-Direttiva [il-proposta NIS 2] dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni għandha l-	(5) Id-Direttiva [il-proposta NIS 2] dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni għandha l-

għan li ttejjeb aktar ir-reżiljenza taċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti tal-entitajiet pubbliċi u privati, tal-awtoritajiet u tal-korpi kompetenti nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni kollha. Għalhekk huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jagħmlu l-istess billi jiżguraw regoli li jkunu konsistenti mad-Direttiva [il-proposta NIS 2] u jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni tagħha.

għan li ttejjeb aktar ir-reżiljenza taċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti tal-entitajiet pubbliċi u privati, tal-awtoritajiet u tal-korpi kompetenti nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni kollha ***kemm hi***. Għalhekk huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jagħmlu l-istess billi jiżguraw regoli li jkunu konsistenti mad-Direttiva [il-proposta NIS 2] u jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni tagħha. ***Ir-rekwiżiti tas-sigurtà jenħtieġ li tal-anqas ikunu ugwali, jew superjuri, għar-rekwiżiti minimi tas-sigurtà tal-entitajiet koperti bid-Direttiva (UE) 2022/2555.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu pprovduti b'mezzi u għodod adegwati li permezz tagħhom isaħħu r-reżiljenza ċibernetika tagħhom. Huwa essenzjali, għalhekk, li jiġi żgurat li mekkaniżmi ta' koordinazzjoni xierqa jkunu stabbiliti biex id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod effiċjenti u effettiv.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Id-data personali kollha li tiġi pproċessata ***fil-qafas ta'*** dan ir-Regolament ***għandha*** tiġi pproċessata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-protezzjoni*** tad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[7]	(22) Id-data personali kollha li tiġi pproċessata ***skont*** dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** tiġi pproċessata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni rigward il-protezzjoni*** tad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill[7]. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni li tirregola l-ipproċessar ta' data personali, inklużi l-kompiti kkonferiti fuq l-EDPS u s-setgħat tiegħu. Is-CERT-UE u l-IICB jenħtieġ li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EDPS u mal-persunal speċjalizzat fil-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni biex jiżguraw konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.***

[7] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[7] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Is-sistemi u s-servizzi taċ-ċibersigurtà involuti fil-prevenzjoni, fid-detezzjoni u fir-rispons għat-theddid ċibernetiku jenħtieġ li jkunu konformi mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jenħtieġ li jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi rilevanti ta' salvagwardja biex jiżguraw li tali konformità tinkiseb b'mod responsabbli.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) It-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni ***għandu*** jkun konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament [ir-Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni]. Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, kull kuntatt mas-CERT-UE mibdi jew imfittex mis-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence nazzjonali ***għandu*** jiġi kkomunikat lid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni u lill-president tal-IICB mingħajr dewmien żejjed.	(23) It-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** jkun konformi mar-regoli ***tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, b'mod partikolari dawk*** stabbiliti fir-Regolament [ir-Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni]. Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, kull kuntatt mas-CERT-UE mibdi jew imfittex mis-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence nazzjonali ***jenħtieġ li*** jiġi kkomunikat lid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni u lill-president tal-IICB mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Mejju 2022,

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kull istituzzjoni, korp u aġenzija tal-Unjoni għandha taħtar Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà jew funzjoni ekwivalenti, li għandu jaġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt tagħha fir-rigward tal-aspetti kollha taċ-ċibersigurtà.	5. Kull istituzzjoni, korp u aġenzija tal-Unjoni għandha taħtar Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà jew funzjoni ekwivalenti, li għandu jaġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt tagħha fir-rigward tal-aspetti kollha taċ-ċibersigurtà. ***L-Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà għandu jikkoopera mal-***

uffiċjal tal-protezzjoni tad-data maħtur f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2018/1725 meta jittratta attivitajiet li jikkoinċidu, bħall-applikazzjoni tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku mal-miżuri taċ-ċibersigurtà u l-għażla tal-miżuri taċ-ċibersigurtà li jinvolvu l-protezzjoni tad-data personali, il-ġestjoni integrata tar-riskju u l-indirizzar integrat tal-inċidenti tas-sigurtà.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data;

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kb) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) tinforma lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bi kwalunkwe indikazzjoni ta' ksur minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament li jinkludi pproċessar illegali ta' data

personali;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fir-riżoluzzjoni ta' inċidenti li jirriżultaw fi ksur ta' data personali jew fi ksur tal-kunfidenzjalità ta' komunikazzjoni elettronika.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Is-CERT-UE għandha tinforma lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data meta tindirizza vulnerabbiltajiet sinifikanti, inċidenti sinifikanti jew attakki kbar li għandhom il-potenzjal li jirriżultaw fi ksur ta' data personali jew fi ksur tal-kunfidenzjalità ta' komunikazzjoni elettronika.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] għandhom japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mis-CERT-UE, inkluż l-obbligu skont dak ir-	2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] għandhom japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mis-CERT-UE, inkluż l-obbligu skont dak ir-

Regolament li jiġu kkonsultati istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni kull meta talba tikkonċerna d-dokumenti tagħhom.	Regolament li jiġu kkonsultati istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni***, jew, fejn rilevanti, l-Istati Membri,*** kull meta talba tikkonċerna d-dokumenti tagħhom.
[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).	[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe pproċessar, skambju, ġbir jew żamma ta' data personali mis-CERT-UE, l-IIICB u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom ikunu limitati għall-ipproċessar, l-iskambju, il-ġbir jew iż-żamma li huma strettament meħtieġa u għandhom jitwettqu għall-iskop uniku li jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha, sa... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att delegat biex tispeċifika liema attivitajiet ta' pproċessar ta' data personali huma permessi skont dan ir-Regolament, inkluż l-għan tal-ipproċessar, il-kategoriji ta'

	data personali, il-kategoriji tas-suġġetti tad-data, il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-data, il-perjodi massimi ta' żamma, id-definizzjoni tal-kontrolluri u l-proċessuri tad-data, u r-riċevituri fil-każ ta' trażmissjoni.
	L-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jillimita l-attivitajiet ta' pproċessar għal dawk li huma strettament meħtieġa u għandu jirrikjedi li tali attivitajiet ta' pproċessar ikunu mmirati kemm jista' jkun u ma jinkludux iż-żamma indiskriminata ta' data dwar it-traffiku jew dwar il-kontenut.
	Il-Kummissjoni għandha temenda l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu fejn tidentifika bidliet sinifikanti fir-rigward tal-ħtieġa jew tal-finijiet speċifiċi, jew lill-entitajiet involuti fl-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. It-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni għandu jkun konformi mar-regoli stabbiliti ***fir-[Regolament*** propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni].	4. It-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-Unjoni għandu jkun konformi mar-regoli ***tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, b'mod partikolari dawk*** stabbiliti ***[fir-Regolament*** propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni].

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kull kuntatt mas-CERT-UE mibdi	5. Kull kuntatt mas-CERT-UE mibdi

jew imfittex mis-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence nazzjonali għandu jiġi kkomunikat lid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni u lill-president tal-IICB mingħajr dewmien żejjed.	jew imfittex mis-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence nazzjonali għandu jiġi kkomunikat lid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni***, lill-Europol*** u lill-president tal-IICB mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi tal-kondiviżjoni	***Kondiviżjoni ta' informazzjoni***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex is-CERT-UE ***tkun tista'*** tikkoordina l-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet u r-rispons għall-inċidenti, ***hija tista' titlob lill-istituzzjonijiet***, ***lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni biex jipprovdulha*** informazzjoni mill-inventarji tas-sistemi ***tal-IT*** rispettivi tagħhom li tkun rilevanti għall-appoġġ tas-CERT-UE***. L-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija*** mitluba għandha tibgħat l-informazzjoni mitluba, u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tagħha, mingħajr dewmien żejjed.	1. Sabiex is-CERT-UE ***twettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 12, b'mod partikolari sabiex*** tikkoordina l-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet u r-rispons għall-inċidenti, ***l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni għandhom***, ***wara talba mis-CERT-UE, jipprovdu lis-CERT-UE*** informazzjoni mill-inventarji tas-sistemi ***tal-ICT*** rispettivi tagħhom li tkun rilevanti għall-appoġġ tas-CERT-UE***, inkluż kwalunkwe bidla fl-ambjent tal-IT tagħhom. L-entità*** mitluba għandha tibgħat l-informazzjoni mitluba, u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tagħha, mingħajr dewmien żejjed. ***Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2018/1725, kwalunkwe kondiviżjoni ta' data bejn is-CERT-UE u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji ta' salvagwardji ċari għal każijiet speċifiċi ta' użu u għandha tuża trattati ta' assistenza legali reċiproka u ftehimiet oħra, sabiex***

	tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet meta tipproċessa talbiet għal aċċess transfruntier għad-data.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jistgħu b'mod volontarju jipprovdu lis-CERT-UE informazzjoni dwar theddid, inċidenti, kważi inċidenti u vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurtà li jaffettwawhom. Huma jistgħu jitolbu wkoll lis-CERT-UE għal aktar assistenza teknika u pariri biex jiġu miġġielda l-inċidenti taċ-ċibersigurtà u l-attakki kbar. Is-CERT-UE tista' tipprijoritizza l-ipproċessar ta' notifiki obbligatorji fir-rigward ta' notifiki volontarji, ħlief fil-każ ta' talbiet volontarji debitament sostanzjati u urġenti mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-CERT-UE tista' tiskambja biss informazzjoni speċifika għall-inċident li tiżvela l-identità tal-istituzzjoni, tal-korp jew tal-aġenzija tal-Unjoni affettwati mill-inċident ***bil-kunsens*** ta' dik l-entità. Is-CERT-UE tista' tiskambja biss informazzjoni speċifika għall-inċidenti li tiżvela l-identità tal-mira tal-inċident taċ-ċibersigurtà ***bil-kunsens*** tal-entità affettwata mill-inċident.	3. Is-CERT-UE tista' tiskambja biss informazzjoni speċifika għall-inċident li tiżvela l-identità tal-istituzzjoni, tal-korp jew tal-aġenzija tal-Unjoni affettwati mill-inċident ***bl-awtorizzazzjoni*** ta' dik l-entità. Is-CERT-UE tista' tiskambja biss informazzjoni speċifika għall-inċidenti li tiżvela l-identità tal-mira tal-inċident taċ-ċibersigurtà ***bl-awtorizzazzjoni*** tal-entità affettwata mill-inċident.

	Meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, is-CERT-UE tista' tiskambja informazzjoni speċifika għall-inċidenti, inkluż fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni min-naħa tal-istituzzjoni, tal-korp, tal-uffiċċju jew tal-aġenzija tal-Unjoni affettwati mill-inċident. L-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni għandhom jiġu nnotifikati minn qabel bi kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bħal dan.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-obbligi tal-kondiviżjoni ma għandhomx jestendu għal informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) u għal informazzjoni li istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni tkun irċeviet minn Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew mingħand aġenzija tal-infurzar tal-liġi ***bil-kundizzjoni espliċita*** li ***ma tiġix*** kondiviża ***mas-CERT-UE***.	4. L-obbligi tal-kondiviżjoni ma għandhomx jestendu għal informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) u għal informazzjoni li istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni tkun irċeviet minn Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew mingħand aġenzija tal-infurzar tal-liġi***, sakemm is-Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi kkonċernata ma tippermettix*** li ***dik l-informazzjoni tiġi*** kondiviża ***mas-CERT-EU***.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kull xahar, is-CERT-UE għandha tippreżenta rapport lill-ENISA li jinkludi data anonimizzata u aggregata dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti notifikati f'konformità mal-	3. Kull xahar, is-CERT-UE għandha tippreżenta rapport lill-ENISA li jinkludi data anonimizzata u aggregata dwar theddid ċibernetiku sinifikanti, vulnerabbiltajiet sinifikanti u inċidenti sinifikanti notifikati f'konformità mal-

paragrafu 1.

paragrafu 1. ***Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku, soġġett għar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti [fir-Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni].***

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-obbligi tan-notifika ma għandhomx jestendu għall-IKUE u għal informazzjoni li istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni tkun irċeviet minn Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew mingħand aġenzija tal-infurzar tal-liġi ***bil-kundizzjoni espliċita*** li ***ma tiġix*** kondiviża ***mas-CERT-UE***.	5. L-obbligi tan-notifika ma għandhomx jestendu għall-IKUE u għal informazzjoni li istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni tkun irċeviet minn Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew mingħand aġenzija tal-infurzar tal-liġi***, sakemm is-Servizz tas-Sigurtà jew tal-Intelligence ta' Stat Membru jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi kkonċernata ma tippermettix*** li ***dik l-informazzjoni tiġi*** kondiviża ***mas-CERT-EU***.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-IICB għandu joħroġ gwida dwar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tar-rispons għal inċidenti sinifikanti. Jekk ikun hemm suspett ta' natura kriminali b'rabta ma' inċident, is-CERT-UE ***għandha tagħti pariri dwar kif għandu jiġi rrappurtat*** l-inċident lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.	4. L-IICB għandu joħroġ gwida dwar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tar-rispons għal inċidenti sinifikanti. Jekk ikun hemm suspett ta' natura kriminali b'rabta ma' inċident, is-CERT-UE ***jew l-IICB għandhom jirrapportaw*** l-inċident lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ***mingħajr dewmien żejjed***.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 18(3a) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18(3a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(3a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) l-użu, meta jkun possibbli, tal-kriptaġġ ta' data waqt pawża, tal-kriptaġġ ta' data fi tranżitu kif ukoll tal-kriptaġġ minn tarf sa tarf;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni
Referenzi	COM(2022)0122 – C9-0122/2022 – 2022/0085(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 4.4.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 4.4.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.9.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Tomas Tobé 12.12.2022
Eżami fil-kumitat	31.1.2023
Data tal-adozzjoni	1.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 62 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Caterina Chinnici, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Nuno Melo, Maite Pagazaurtundúa, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Jadwiga Wiśniewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Loucas Fourlas, Beata Kempa, Philippe Olivier, Dragoş Tudorache, Petar Vitanov, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Gheorghe Falcă, Jean-François Jalkh, Petra Kammerevert, Marisa Matias, Martina Michels, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Mick Wallace, Bernhard Zimniok

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

62	+
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska
ID	Susanna Ceccardi, Patricia Chagnon, Jean-François Jalkh, Philippe Olivier, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche, Bernhard Zimniok
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Gheorghe Falcă, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nuno Melo, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Karlo Ressler, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom, Dragoş Tudorache
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Petra Kammerevert, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Birgit Sippel, Petar Vitanov
The Left	Clare Daly, Marisa Matias, Martina Michels, Mick Wallace
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

0	-

1	0
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet